**A.L. 83 tal-2017**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

### Regolamenti tal-2017 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2017 għas-Summien)

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 54 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u tad-dispożizzjonijiet tar-raba' proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2017 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2017 għas-Summien). Titolu.

**2.** Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi". Tifsir. L.S. 549.42

**3.** Għall-finijiet tar-raba' proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kaċċa tas-summien għas-sena 2017, hawn aktar 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa", għandu jkun mill-25 ta' Marzu sal-14 ta' April, 2017, iż-żewġ dati inklużi: Jiġi stabbilit l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma jibqgħux fis-seħħ u l-ebda attività ta' kaċċa ma tkun permessa jekk il-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew b'avviż ieħor, li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data stabbilita mill-Ministru.

**4.** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u Summien fir-Rebbiegħa) Kaċċa skont qafas speċifikat. L.S. 549.57

**5.** (1) Il-Liċenza għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa ta' 5,000 summiena bħala n-numru totali ta' għasafar li Liċenzi speċjali u kwoti.

jistgħu jiġu kkaċċjati taħt l-awtorità tal-liċenzi kollha maħruġa meħudin flimkien.

(2) Il-Liċenza għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota ta' għasafar li jistgħu jinqabdu kuljum ta' ħames (5) summiniet u l-kwota ta' għasafar li jistgħu jinqabdu matul l-istaġun tar-Rebbiegħa ta' għaxar (10) summiniet għal kull Liċenza għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa jew kemm, taħt dak in-numru, jistgħu jkunu ġew ikkaċċjati qabel ma jkun għalaq l-istaġun.

(3) Il-Liċenza għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tieqaf milli jkollha effett jekk il-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew b'avviż ieħor, li l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data stabbilita mill-Ministru.

**L.N. 83 of 2017**

## ENVIRONMENT PROTECTION ACT
## (CAP. 549)

## Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2017 Spring Hunting Season for Quail) Regulations, 2017

BY VIRTUE of the powers conferred by article 54 of the Environment Protection Act, and in terms of the provisions of the fourth proviso of regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations, the Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change has made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2017 Spring Hunting Season for Quail) Regulations, 2017. Citation.

**2.** Terms and expressions used in these regulations, unless the context otherwise requires, shall have the same meaning as given to them in the Conservation of Wild Birds Regulations, hereinafter referred to as the "the Wild Birds Regulations". Interpretation. S.L. 549.42

**3.** For the purposes of the fourth proviso to regulation 10(6) of the Wild Birds Regulations and for the purposes of these regulations, the period for the hunting of Quail in spring 2017, hereinafter in these regulations referred to as "the spring hunting season", shall be from the 25th March to the 14th April, 2017, both dates included: Establishment of spring hunting period.

Provided that the provisions of these regulations shall cease to have effect and no hunting activity shall be permitted in the event that the Minister orders, by notice in the Gazette or any other notice, that the spring hunting season is to terminate immediately or at a date as specified by the Minister.

**4.** For the purposes of these regulations, the spring hunting season shall be in accordance with the provisions of the framework laid down by the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtle Dove and Quail) Regulations. Hunting according to set framework. S.L. 549.57

**5.** (1) The Spring Hunting Licence shall set the overall bag limit for the spring hunting season at 5,000 Quail as the total number of birds which may be hunted under the authority of all issued licences taken together. Special licence and quotas.

(2) The Spring Hunting Licence shall set the daily bag limit to five (5) Quail and the spring hunting season's bag limit to ten (10) Quail per Spring Hunting Licence or however many below this number might have been hunted before the season closed.

(3) The Spring Hunting Licence shall cease to have effect in the event that the Minister orders, by notice in the Gazette or any other notice, that the spring hunting season is to terminate immediately or at a date as specified by the Minister.